# Ħ'Attard fi żmien il-Pesta tal-1676

Nathan Buttigieg



Kulħadd kellu l-aspettattivi tiegħu għas-sena 2020, però bla mistenni, minn Marzu, ħajjitna nqalbet ta' taħt fuq. Ħadd f'mitt sena ma seta' jobsor li ser nesperjenzaw pandemija, minkejja li matul is-snin id-dinja esperjenzat bosta pandemiji, li wħud minnhom laqtu wkoll lill-gżejjer Maltin, fosthom il-famuża pesta tal-1676, l-agħar pesta li qatt laqtet lil Malta, li ħalliet aktar minn ħdax-il elf abitant vittmi tagħhą.

Sa minn żmien il-Medju Evu, il-bniedem kien iħossu bla ħila quddiem din il-marda devastanti u kien jispjega l-marda tal-pesta bħala kastig divin ta' dnubietu. Fil-fatt, f'waħda mit-talbiet antiki tal-knisja jinħassu t-tliet beżgħat kbar li kienu jgħixu fihom missirijietna; *"A peste, fame et bello, libera nos, Domine"* (O Sidna, mill-pesta, il-ġuħ u l-gwerra, eħlisna). Din l-epidemija bdiet lejlet il-Milied tal-1675, meta ġewwa l-Belt Valletta, propju fid-dar tan-negozjant tat-tessuti, Matteo Bonnici, mardet waħda mill-bniet tiegħu, Anna, fl-età ta' ħdax-il sena, u mietet erbat ijiem wara. Għall-bidu ħasbu li l-kaġun tal-mewt kien deni qawwi, iżda mbagħad mardu aktar membri mill-istess familja u mietu fil-jiem ta' wara. Fit-28 ta' Jannar 1676, il-gżejjer Maltin ġew iddikjarati uffiċjalment bħala milquta mill-pesta u minnufih l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann waqqfet tribunal tas-saħħa pubblika magħmul minn erba' kavallieri responsabbli mill-bżonnijiet kollha tal-gżira matul din il-marda kontaġjuża.

Sat-3 ta' Frar 1676, fir-rapport tal-*Protomedico* kien hemm miktub li minbarra l-belt Valletta, il-bqija tal-gżira kienet qed tgawdi saħħa perfetta, iżda bla mistenni, fit-8 ta' Frar, il-pesta ġiet identifikata f'Ħ'Attard bil-mewt ta' Grazia u binha Simone, residenti f'dan ir-raħal. L-ewwel li miet kien Simone ta' sittax-il sena u dan indifen fil-knisja parrokkjali f'qabar ħdejn il-bieb maġġur, iżda fi ftit żmien marad id-deffien, billi ma kien jaf xejn dwar din l-infezzjoni. Għaldaqstant, dlonk kif indunaw li din kienet il-pesta, Grazia ndifnet f'għalqa fil-limiti ta' Ħ'Attard u waqaf isir id-dfin fil-knisja. L-Università tal-Mdina ħatret *medico u chirurgo infetta* (tabib u kirurgu tal-pesta) sabiex tiġi mħarsa s-saħħa pubblika tal-madwar. Hija ħatret lit-tabib Filippo Idoneo, li kien joqgħod f'Ħ'Attard stess, li ġie ngaġġat b'salarju ta' 10 skudi fix-xahar. Huwa miet jaqdi dmirijietu fid-19 ta' April 1676 ġewwa Ħ'Attard.[1]

Meta raw li l-pesta bdiet tagħmel straġi f'raħalhom, diversi familji minn Ħ'Attard ħarbu sabiex ifittxu kenn fl-irħula l-oħrajn tal-madwar. Bil-biża' li dawn ixerrdu din l-epidemija f'aktar irħula, l-Ordni ħarġet bandu li ordna lin-nies biex b'mod effettiv jirritornaw lejn Ħ'Attard b'kulma kienu jippossjedu u b-ebda mod ma jitilqu minn djarhom jekk mhux bil-permess bil-miktub tal-Gran Mastru, kif ukoll li l-ksur ta' dawn ir-regolamenti kien ser jiġi kkastigat bil-piena tal-mewt. Fir-raħal ta' Ħ'Attard saret ukoll projbizzjoni fuq id-dħul ta' barranin. Għalkemm ir-raħal kien jinsab taħt kwarantina stretta, fil-21 ta' April 1676, ġie approvat bandu li kien jgħid li l-bdiewa Seraċini kellhom id-dritt li joħorġu jaħsdu l-uċuħ tar-raba' tagħhom u tħallew jieħdu magħhom abitanti oħrajn mill-istess raħal sabiex

jgħinuhom jaħdmu dawn l-għelieqi ħalli l-pajjiż ma jbatix il-ġuħ. Sabiex jintgħarfu, l-irġiel ta' Ħ'Attard kellhom jilbsu xalpa bajda, filwaqt li n-nisa waħda ħamra. Dawn il-ħaddiema kienu soġġetti għat-teħid ta' rassenja u kellhom jitilqu r-raħal minn filgħodu u jirritornaw qabel inżul ix-xemx, imorru dritt għall-għalqa tagħhom mill-iqsar triq u jgħaddu l-istess lura mingħajr ebda tlajjar fit-toroq.

Fl-irħula Maltin, id-dfin beda jsir fi knejjes antiki mġarrfin jew inkella f'għelieqi magħżula mill-*Contestabile* tar-raħal, Giuseppe Debono għal Ħ'Attard[2], sabiex jintużaw bħala ċimiterju tal-pesta. Ġewwa Ħ'Attard bdew jintużaw l-għelieqi ta' biswit il-kappella ta' Sant'Anna. Is-servizzi funebri għall-vittmi tal-pesta ġew sospiżi, ħadd ma seta' javviċina lill-qraba tal-mejjet għall-kondoljanzi, il-ħlas tal-bikkejja ġie pprojbit u kull difna kellha bżonn il-permess tal-Kummissarju tas-Saħħa. Iżda kultant kienu jsiru xi eċċezzjonijiet: Dun Antonio Debono, Seraċin minn Ħ'Attard li miet bil-pesta fl-isptar tal-emerġenza ta' Birkirkara fis-satra tal-lejl, ittieħed lejn Ħ'Attard u fit-13 ta' Ġunju 1676 indifen bil-moħbi fil-knisja parrokkjali ħdejn l-altar ta' San Bartilmew.

Il-kappillani tal-irħula kellhom il-kompitu li jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jamministraw is-sagramenti u jtaffu mis-sofferenzi tal-parruċċani. Il-kappillan ta' Ħ'Attard, Dun Gio Paolo Bartolo, kien magħruf ħafna li qeda dan id-dmir bi spiritwalità, kif ukoll b'qalb soċjali, fejn kien saħansitra jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ċivili tar-raħal, speċjalment wara l-mewt tat-tabib Idoneo. Meta l-pandemija nfettat lil bosta, il-kappillan ma bediex ilaħħaq bl-amministrazzjoni, għaldaqstant, huwa ħatar *cappellani infetti* li ġie assenjat bil-kappella tal-Lunzjata bħala *chiesa infetta*. Ta' kuljum, is-Sagrament Imqaddes kien jittieħed mill-*chiesa infetta* sabiex il-morda tar-raħal ikunu jistgħu jitqarbnu. Il-kappillan kien jamministra l-Griżma tal-morda lil dawk kollha morda bil-pesta, u kienet saret prattika komuni f'Malta li l-kappillani jagħmlu wkoll it-testment lill-moribondi. Fil-fatt, fl-arkivji tal-knisja parrokkjali wieħed jista' jsib għadd ta' testmenti, fost l-oħrajn it-testment ta' Venera Scerri, Seraċina li mietet bil-pesta, fejn il-Kappillan Bartolo għadda jaraha u kitbilha t-testment quddiem ix-xhieda l-oħrajn li qagħdu barra l-kamra jisimgħu l-aħħar xewqat tal-vittma. Bosta minn dawn it-testmenti kienu jsiru bl-impestat imbarrat f'daru, waqt li l-kapillan kien ikun biswit xi tieqa jew bieb ta' din id-dar, bħal dak ta' Gregorio Buttigieg minn Ħ'Attard, fejn il-Kappillan Bartolo kiteb li "ma kienx jidher billi kien wara l-bieb magħluq fid-dar tiegħu, fi triq pubblika ħdejn ir-residenza tat-testatur".[3]

F'dan il-perjodu ta' mwiet u biża', l-aktar xogħol waħxi kien dak tal-bekkamorti, li kienu rġiel imqabbdin mill-Ordni sabiex jidfnu lill-vittmi tal-pesta, jieħdu ħsieb il-morda, iservu l-ikel lill-pazjenti, kif ukoll jaffumigaw id-djar tal-infettati. F'ċerti każijiet, il-bekkamorti ma kinux ilaħħqu mal-għadd tal-mejtin u l-katavri kienu jitħallew għal jiem sħaħ qabel jindifnu. In-nies tant kienu jibżgħu li jibqgħu bla difna li raġel minn Ħ'Attard ħalla 10 skudi fit-testment lill-bekkamorti sabiex "iġorru l-katavru tiegħu lejn il-post tad-dfin".[4] Iżda wħud minn dawn il-bekkamorti kienu jieħdu l-okkażjoni u jisirqu d-djar tal-morda, kif tabilħaqq ġara wara d-difna ta' Gregorio Buttigieg u martu, minn Ħ'Attard, fejn kellhom jaffumigaw id-dar u l-bekkamorti ġarrew kulma sabu.[5] Mid-dar tat-tabib Filippo Idoneo xi ħadd seraq bosta oġġetti rikki, fosthom il-kotba mediċi tiegħu.

L-aktar irħula li ntlaqtu ħażin mill-pesta tal-1676 kienu Birkirkara, Ħaż-Żebbuġ, il-Qrendi, Ħal Tarxien u Ħ'Attard, fejn kull lokalità sofriet aktar minn mitt vittma kaġun tal-pesta. Iżda wieħed irid iqis ukoll li Birkirkara u Ħaż-Żebbuġ kellhom popolazzjoni kbira u, għaldaqstant, il-persentaġġ tal-imwiet fihom ma kienx jaqbeż il-5%. Min-naħa l-oħra, Ħ'Attard sofra t-telfa ta' 104 vittmi minn fost popolazzjoni ta' 1050 abitant, ekwivalenti għal 9.9% tal-popolazzjoni tar-raħal. Il-biċċa l-kbira tal-vittmi ndifnu fil-knisja ta' San

Nikola f'Ta Demus.[6] Fl-24 ta' Settembru, l-Ordni approvat rapport ippubblikat mill-Kummissjoni tas-Saħħa, fejn ingħatat il-*Prattica Universale* għall-gżira kollha, wara li kienu għaddew 60 jum mill-aħħar każ tal-pesta, ħlief għar-raħal ta' Ħ'Attard, fejn kienu għadhom għaddew 40 jum.[7] L-aħbar intlaqgħet b'ċelebrazzjonijiet kbar madwar il-gżira kollha; daqq ta' qniepen u sparar ta' kanuni. Il-knisja, l-ordni u l-abitanti għaġġlu sabiex iwettqu l-wegħdi li kienu għamlu huma u jitolbu għall-interċessjoni divina waqt il-festa. Fost l-oħrajn, saru purċissjonijiet, pitturi ġodda kif ukoll rinnovament u bini ta' knejjes ġodda ddedikati prinċipalment lil Santu Rokku, Santa Rosalia u San Sebastjan, l-interċessuri primarji tal-pesta.

F'Ħ'Attard, l-akbar tifkira ta' din il-pesta hija l-kappella ta' Santu Rokku (magħrufa bħala ta' Sant Anna) li nbniet mill-abitanti ta' Ħ'Attard wara wegħda kollettiva (*ex-voto*) għall-ħelsien mill-pesta, fuq il-post fejn qabel kien hemm il-kappella ta' San Nikola ta' Bari, li kienet ġiet profonata lura fit-18 ta' Diċembru 1658 waqt vista pastorali tal-Isqof Molina.[8] Il-kwadru titulari ta' din il-kappella, li llum il-ġurnata jinsab fil-Mużew Parrokkjali, tpitter bejn l-1676 u l-1680; *"e fu dipinta il sou Quadro con l'effige de Santi Nicola, e Rocco da Soura Maria De Dominico pittore Maltese"*[9], Karmelitana terzjarja li kienet tassisti lil Mattia Preti fil-Bottega tiegħu.[10]

Il-kwadru huwa tipiku tas-Seklu 17 fix-xejra ta' Piramida, fejn fih naraw il-Verġni Marija mdawra bil-puttini (anġli żgħar) u jinterċedu għaliha fuq iż-żewġt naħat nistgħu nilmħu lil San Nikola u Santu Rokku, taħt naraw mitluqa omm infettata bil-pesta b'tarbija f'idha. Fl-isfond ta' wara nistgħu nilmħu figura ta' mara, li skont Dr. Mario Buhagiar tista' tkun xbieha ta' Sant'Anna, u minn hawn ġej l-isem tal-kappella kif nafuha llum, filwaqt li s-Sa. Daniela Bisazza tisħaq li din x'aktarx tissimbolizza lid-devoti li kkummissjonaw dan il-kwadru.[11] Il-figura tal-omm bil-wild f'idejha hija *topos* famuża ħafna f'dawk iż-żminijiet madwar il-Mediterran (il-*Morbetto* ta' Marcantonio Raimondi fis-seklu 16, kif ukoll The *Plague of Ashdod*), u introdotta f'Malta minn Mattia Preti (din ġiet ikkumissjonata mill-Ordni wara l-ħelsien mill-istess pesta u llum nistgħu narawha fil-knisja Ta' Sarria fil-Furjana).[12]

Ir-raħal ta' Ħ'Attard, b'popolazzjoni ta' madwar elf ruħ sa qabel l-epidemija, kellu biss 759 abitant fl-1679. Malta damet snin sħaħ sabiex reġgħet qamet fuq riġlejha, u matul is-snin intlaqtet minn epidemiji oħrajn, fosthom il-Kolera, l-influwenza u l-pesta tal-1813.

## Referenzi


1 LNM, Univ. 185, 310.
2 Micallef, Joseph. *Il-Pesta tal-1676*. Malta, BDL Publishers, 2015, 121.
3 AP Ħ'Attard, LD, II, 290.
4 AP Ħ'Attard, LD, III, 215-216.
5 Micallef, 110.
6 AP Ħ'Attard, LD, II, 37.
7 AOM 6402, 288.
8 Carmel Mallia, 31.
9 Vista Pastorali ta' Geolamo Molina 1725, 100.
10 Bisazza, Daniela. *The Plague of 1676 in the art of Malta*, mhux ippubblikat, B.A. bl-Unuri, id-Dipartiment tal-Istorja tal-Arti, l-Università ta' Malta, 1998, 64.
11 Buhagiar, Mario. "Il-Kwadru ta' Santu Rokku u San Nikola fil-Knisja ta' Sant'Anna", *Għalik,* Mejju-Lulju, 2001.
12 Buttigieg, Nathan, "Perspectives on the culture of death", mhux ippubblikat, M.A. fl-Istudji Mediterranji, l-Università ta' Malta, 2018.